MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 740/2003

**GasanMamo Insurance**
**Agency Ltd, bhala Agent u mandatarju**
**tas-socjeta` estera CGU ta` Perth Scotland,**
**kif surrogata fid-drittijiet ta` l-assikurat**
**taghha Kenneth D'Amato skond il-ligi u l-polza**

**Vs**

**Noel u Sylvana konjugi Tanti**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta` April, 2003 fejn intalab sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta’ elf u hames mitt lira maltija (Lm1,500.00) illum ekwivalenti ghal Euro 3,494.06c, rapprezentanti danni kawzati lill-assikurat tas-socjeta` attrici meta kien dahal kwantita` ta` ilma mill-proprjeta` tal-konvenuti nhar is-6 ta` Dicembru, 2002 u ghal liema danni l-assikurat kien gie kkumpensat mis-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti datata 6 ta` Mejju, 2003 fejn giet eccepita fl-ewwel lok il-*lis alibi pendens* in vista tal-fatt li l-istess meritu kien qed jigi trattat fil-kawza GasanMamo Insurance Agncy Limited noe vs Direttur Dipartiment tat-Toroq u Noel u Sylvana Tanti, Cit nru 944/2002 JRM. Fit-tieni lok li t-talbiet kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-eccippjenti ma humiex responsabbli ghall-allegata hsara.

Ra li din il-kawza kienet thalliet sine die nhar it-23 ta` Settembru, 2004 pendenti l-ezitu ta` kawza ohra numru 944/02 JRM;

Ra illi l-imsemmija kawza fil-Qorti Superjuri kienet ghaddiet in gudikata fl-10 ta` Ottubru, 2007 u kwindi t-Tribunal ordna r-riappuntament ta` l-odjerna kawza.

Ezamina l-provi migjuba mill-partijiet inkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri ta` l-atturi.

Ikkunsidra.

Kurt Caruana prodott mis-socjeta` attrici jafferma li l-konvenuti ghandhom rampa li taghti ezatt ghal garage ta` l-assikurat attur fejn jahzen il-materjal tad-drapp tax-xoghol tieghu. Il-konvenut kien ammetta mieghu li r-rampa kienet inqalghet minhabba dislivell pero` ma kinietx giet issiljata. Giet ipprocessata l-claim anke tramite n-nomina ta` perit u l-assikurat attur thallas tal-hsara li garrab. Jafferma dan ix-xhud ukoll li l-ilma kien dahal mis-saqaf tal-garage fuq in-naha ta` wara tal-mahzen. Il-valur tal-hsara kien jeccedi Lm1,500.00 pero` l-atturi zammew it-talba sa Lm1,500.00 ghal finijiet ta` kompetenza ta` dan it-Tribunal.

Fl-affidavit tieghu l-attur assikurat spjega kif il-garage fejn jahzen il-materjal tax-xoghol tieghu jinsab posizzjonat taht

id-dar tal-konvenuti u kif jaccedi ghalih minn access li jinsab mal-livell tat-triq. Jispjega kif fl-ahhar tas-sena 2001 kien dahallu kwancita` ta` ilma tax-xita provenjenti mid-drive-in tal-konvenuti. Jafferma li l-ilma beda jnixxi ghal ghandu kemm il-ghaliex it-trinka li ghandhom il-konvenuti ma tlahhaqx ma` l-ilma tax-xita u kif ukoll peress li l-istess trinka ma hiex issiljata sewwa. Per konsegwenza ta` hekk, l-ilma dahal minn taht il-madum ta` Tanti, baqa` ghaddej minn gol-gebel ghal ghand is-saqaf ta` l-attur. Dan qattar ghal fuq il-materja prima mahzuna u kwindi grat il-hsara. L-assikurazzjoni kienet halsitu ta` dan u l-claim inghalqet. Gara l-istess storja kwazi sena wara, l-istess bl-ilma tax-xita niezla minghand il-konvenuti. Minn verifiki li ghamel dak il-hin stess ma ufficcjal ta` l-assikurazzjoni attur, irrizulta li l-istat tar-rampa u tat-trinka tal-konvenuti kienet bagqhet ezattament l-istess bhal ta` sena qabel u l-ilma kien rega` beda diehel minn hemm. Gew ezebiti diversi ritratti mnejn jidher car x'iridu jghidu biha l-atturi meta affermaw l-istat hazin tat-trinka u r-rampa tal-konvenuti partikolarment dawk ezebiti a fol. 21 u 22 tal-process. Fir-ritratti li hemm fil-fogli segwenti jidher car is-saqaf imxarrab.

Il-Perit Alfred Grech li ghamel survey tal-hsara xi ftit tal-jiem wara josserva li partijiet mir-rampa ma kienux imkahhla mill-genb u kkonkluda li huwa kien ta` l-opinjoni li l-ilma tax-xita kien oskula ghal ghand l-attur minhabba l-kondizzjoni hazina tar-rampa u cioe` kien qed jidhol mill-*“cracks and open joints”*. Ikkonkluda li din ir-rampa tal-konvenuti kellha tigi *“properly sealed from above in order to eliminate any possibility of water seepage”.* Ir-rizultanzi ta` dan il-perit ex parte gew minnu kkonfermati bil-gurament waqt ix-xhieda tieghu. Meta xehed rega` afferma li kemm il-gnub tar-rampa u kif ukoll l-istess gutter tal-konvenuti ma kienux issiljati sewwa kif suppost. In kontro-ezami dan il-perit jafferma li sena qabel meta kien ghamel rapport simili, l-ilma seta` dahal ukoll mit-triq peress li sa dak iz-zmien din ma kinietx tlestiet pero` ghaz-zmien in kwistjoni, it-triq kienet lesta u kwindi l-ilma seta` jidhol biss mir-rampa. Altrimenti baqa` jikkonferma l-opinjoni u r-rizultanzi tieghu in ezami.

L-atturi pprezentaw prova dokumentarja soddisfacenti kemm dwar il-kwantum tal-hsara u kif ukoll dwar is-surroga ghalkemm jidher li ma kienx hemm ebda kontestazzjoni da parti tal-konvenuti minn dawn il-punti di vista.

Fl-affidavit tieghu il-konvenut Noel Tanti ghalkemm jammetti li f'Dicembru, 2002 ghamlet hafna xita, fl-istess nifs pero` jafferma li ma kienx minnu li dahal hafna ilma fid-drive in tieghu. Ighaddi wkoll biex jesprimi diversi argumenti il-ghala ma jaqbilx ma` l-allegazzjonijiet imressqa mill-atturi u addirittura mill-perit tekniku mqabbad minnhom. Ighid per ezempju li l-problemi ta` dhul ta` l-ilma bdew biss meta nqalghet it-triq u biddlu l-invelli ta` l-istess u dana fis-sens li giet aktar baxxa bil-konsegwenza li r-rampi kollha ta` din it-triq kellhom jergghu jsiru mill-gdid. Huwa jghid li meta l-atturi gew jispezzjonaw il-fond tieghu suppost li kkonstataw li l-ilma kien dahal f'parti ohra tal-fond u mhux fejn qed jallegaw f'din il-kawza. Huwa jafferma li ftit kien dahal ilma ghandu filwaqt li D'Amato kien dahallu hafna ilma u kwindi ghalhekk ma jistax ikun li dahal minghandu. Ighid ukoll li ma jistax ikun li dahallu l-ilma minn mal-gutter peress li dawk il-bnadi dejjem niexfa jkunu. Huwa jafferma li ma jista` jaghmel xejn minn din il-problema peress illi d-dhul ta` l-ilma gej mit-triq u mhux minghandu. Difatti kien hemm kawza pendenti quddiem il-Prim Awla appuntu fuq din il-kwistoni, liema kawza kienet ghadha pendenti. Dan il-konvenut ezebixxa diversi ritratti sabiex jipprova jispjega l-verzjoni tieghu u kif ukoll kopja tal-kawza li semma`. Ighid ukoll li ma jistax ikun li l-ilma dahal minn taht il-madum tieghu peress li dan ma gralu xejn la qata` u la sinjali ta` ilma u ebda umdita` ma kellu. Barra minhekk ighid ukoll li l-garage ta` l-attur ma kienx imkahhal.

In kontroezami, l-konvenut jikkonferma li fil-garage ta` l-attur ra ilma mas-saqaf fuq in-naha ta` wara (cioe` ezatt fejn kien qed jilmenta l-attur) u mal-faccata.

Il-konvenut Tanti pprezenta wkoll in korroborazzjoni tal-verzjoni tieghu rapport peritali maghmul minn George Chetcuti. Ta` min ighid a priori li jidher li dan ir-rapport sar

aktar minn sena wara l-akkadut u certament is-sit in kwistjoni ma kienx gie spezzjonat minn dan il-perit a tempo vergine. Barra minhekk jidher ukoll li l-istess rapport huwa aktar ipotetiku milli rejalistiku u jasal ghal certu konkluzzjonijiet b’mod argumentattiv u mhux fattwali u materjali. Jasal ukoll ghal konkluzzjoni bhalma kif qed jargumenta l-konvenut li ma jistax ikun li l-ilma nizel minn taht il-madum ghas-semplici raguni li tali madum ma wera ebda sinjali ta` detorjament jew umdita`. Din ir-relazzjoni ex parte giet konfermata bil-gurament ta` l-istess perit u kif ukoll issottometta ruhu ghal kontro-ezami. Huwa jikkonferma li l-ewwel darba li mar fuq il-post kien fit-3 ta` Marzu, 2004 u kwindi kkonkluda biss mnejn seta` dahal l-ilma minn dak li ra u mhux effettivament mnejn dahal l-ilma fir-rejalta`.

Illi jigi notat li minn ezami tas-sentenza tal-Qorti Superjuri ezebita mill-konvenuti, t-talba attrici simili ferm ghall-kaz in ezami kienet giet respinta fuq bazi ta` nuqqas ta` provi soddisfacenti. Il-Prim Awla fil-fatt ikkummentat li l-atturi kienu naqsu li jresqu prova teknika tan-nexus bejn il-kawza u l-akkadut u difatti l-Perit Alfred Grech, ghalkemm issemma` ma kienx tela` jixhed. Mhux l-istess pero` jista` jinghad ghal kaz in ezami. Mhux talli l-Perit Grech xehed u ta` l-opinjoni tieghu a tempo vergine dwar kif skond hu dahal l-ilma izda wkoll baqa` jafferma l-istess meta kontro-ezaminat. Mill-banda l-ohra, r-rapport tal-perit Chetcuti li sar hafna zmien wara l-akkadut kien ibbazat fuq konkluzzjonijiet argumentattivi u mhux rizultanzi fattwali u ghalhekk wiehed ma jistax jistrieh fuq l-opinjoni hemm espressa. Barra minnhekk, fattur iehor rilevantissimu f’dan il-kaz kien li t-triq in kwistjoni kienet gia` lesta meta sehhet il-perkolazzjoni ta` l-ilma u ghalhekk il-konvenuti ma setghux jibqghu jistriehu fuq l-iskuzanti li l-kawza kienet provenjenti mill-formazzjoni tat-triq. Fil-fatt il-konvenuta Sylvana Tanti tikkonferma li fis-sena 2002 (cioe` s-sena meritu tal-kaz) ma kienx dahlilhom l-ilma d-dar. In kontro-ezami tikkonferma wkoll li per konsegwenza ta` bdil fl-invell tat-triq, il-konvenuti kellhom jifformaw rampa biex jaccedu ghal garage taghhom.

Illi ghalhekk mill-assjem tal-provi prodotti u ghar-ragunijiet kif ikkunsidrati hawn fuq, dan it-Tribunal ma jarax ebda raguni il-ghala ma ghandux jistrieh fuq il-konkluzzjonijiet peritali tal-Perit Alfred Grech u fl-istess hin jiskarta ghal kollox dawk sollevati mill-Perit Chetcuti. Illi ma hemmx dubbju li legalment il-konvenuti huma tenuti li jzommu l-proprjeta` taghhom fi stat tajjeb ta` manutenzjoni u jekk dan ma jkunx il-kaz, ghandhom iwiegbu ghal hsara li l-qaghdha hazina tal-proprjeta` taghhom tikkaguna lit-terz.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuti, kwindi jiddikjara li l-istess konvenuti kienu unikament responsabbli ghad-dhul ta` l-ilma fil-proprjeta` ta` l-atturi u ghal konsegwenzjali hsarat u ghalhekk qieghed jikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma rikjesta ta` Euro 3,494.06c gia` Lm1,500 pero` l-interessi legali ghandhom jiddekorru mid-data ta` din is-sentenza filwaqt li l-ispejjez ta` din l-istanza ghandhom jkunu a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------